Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 271/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Romina Libreri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Romina Libreri talli fl-4 ta’ Ottubru 2010 ghall-habta ta’ l-10.45 a.m. fil-Belt Valletta:

(1) bi kliem insulentat jew heddedt lil P.C. 89 J. DeBrincat, membru tal-Korp tal-Pulizija, u cioe` persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(2) m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija waqt li kienu jaqdu d-dmirijiet taghhom, fixklithom jew b'xi mod iehor gabet fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandiex xhieda, illiberat lill-imsemmija Romina Libreri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex issib lill-imsemmija Romina Libreri hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontriha u tinfliggi dik il-piena ndikata skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-Avukat Generali jghid li qieghed jinterponi dan l-appell ai termini ta' l-artikolu 413(i)(b)(iv)(*i*) tal-Kodici Kriminali. Evidentement l-Avukat Generali ried jirreferi ghall-artikolu 413(1) mhux 413(i), u r-referenza erroneja li ghamel ma hi xejn hlief *lapsus computeris*. Skond l-artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*), l-Avukat Generali jista' jappella f'kazijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht l-artikolu 370(1) meta l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f'li l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat. Issa, l-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel Qorti lliberat lill-appellata "minhabba erogazzjoni erroneja tal-fatti tal-kaz". Minn dan jirrizulta car illi dak li qed jallega l-Avukat Generali hu mhux li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, jigifieri li interpretat jew applikat hazin il-ligi (cirkostanza li taghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali taht l-artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kap. 9), izda li interpretat hazin il-provi li ngabu quddiemha (f'dan il-kaz li

skartathom kompletament). Fi kliem iehor, l-appell ta' l-Avukat Generali hu appell dwar il-fatti u mhux appell dwar il-ligi.

**6.** Kif inhu risaput ukoll, in-nuqqas ta' dritt ta' appell ta' l-Avukat Genetali huwa sollevabbli minn din il-Qorti *ex officio*; u din il-Qorti qieghdha hekk tissolleva l-irritwalita` u l-konsegwenti nullita` tar-rikors ta' appell odjern.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Generali irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------